MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1791/2000/1

**Vincent E. Ciliberti bhala Agent Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur ta' l-Entijiet Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta.**

**vs.**

**Marianna u Lorenza Spiteri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta illi fost il-knejjes djocesani ta' Malta taht il-gurisdizzjoni ta' Monsinjur Arcisqof hemm il-Knisja jew kappella dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta' Gesu` maghrufa popolarment bhala 'Tas-Sinjura' fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun;

Illi din il-Knisja hi enti ekklesjastiku ta’ Guspatronat Lajkali mwaqqaf minn Nobildonna Margherita dei Conti Manduca fit-testment taghha tal-5 ta’ Awissu 1879 in atti Nutar Ottone de Domenico;

Illi l-konvenuti qed jivvantaw jeddijiet ta’ proprjeta` fuq din il-Knisja kif jidher anki mill-kawza pendenti quddiem din il-Qorti numru 394/94FGC fl-ismijiet **‘Marianna Spiteri et versus Patri Raymond Camilleri nomine’**;

Illi Monsinjur Arcisqof ghandu d-dmir li jirribatti pretensjonijiet simili;

Illi ghalhekk l-attur, premessa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, talab il-ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

(1) Tiddeciedi li l-imsemmija Knisja jew Kappella maghrufa bhala ‘Tas-Sinjura’ dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta’ Gesu` fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun hi proprjeta` ekklesjastika ta’ Guspatronat Lajkali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali ta’ l-4 ta’ Mejju, 1992 u l-1 ta’ Novembru,1990 kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-lista tax-xhieda a fol 3 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-24 ta’ Ottubru, 2000 a fol. 58 tal-process ipprezentata mill-konvenuti li permezz taghha eccepew:-

a. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-proprjeta` in kwistjoni giet akkwistata mill-awtur taghhom permezz ta’ kuntratt tat-28 ta’ Marzu, 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona ;

b. Illi l-awtur taghhom Carmelo Spiteri miet fis-6 ta’ April, 1991 u s-successjoni tieghu ddevolviet fuq l-atturi permezz ta’ testment tal-11 ta’ April, 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone.

c. Illi l-proprjeta` in kwistjoni hija proprjeta` taghhom kif ukoll l-oggetti kollha li jinsabu fiha stante illi b'citazzjoni numru 814/77 (JF) fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** li giet deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Lulju, 1984 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-awtur taghhom illi l-oggetti kollha li kienu jinsabu fil-Knisja tas-Sinjura, kellhom jigu rritornati lilu u dan skond il-lista tal-oggetti hemm indikati. Illi minn din is-sentenza sar appell u sussegwentement intlahaq ftehim liema appell gie cedut fil-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Gunju, 1991.

d. Illi l-attur qatt ma kien fil-pussess tal-Knisja jew Kappella maghrufa bhala Tas-Sinjura u/jew tal-proprjeta` mobbili taghha, liema proprjeta` kienet dejjem tal-atturi u tal-antekawza minnhom.

e. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 58 u fol. 59 rispettivament tal-process;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru, 2000 fejn din il-Qorti, diversament preseduta ordnat li din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet **'Marianna Spiteri vs Patri Raymond Camilleri'** Cit. Nru. 394/99 jimxu flimkien a tenur tal-**artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru, 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-partijiet sabiex l-provi li ngabru fil-kawza Cit. Nru. 394/94RCP ghandhom jghoddu u jitqiesu bhala provi f'din il-kawza.

Rat ix-xhieda kollha prodotti.

Rat il-verbali kollha tas-seduti.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

## II. PROVI DOKUMENTARJI.

Illi gie esebit a fol. 7 tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP) u mmarkat bhala Dok. ‘A’ kuntratt ta’ bejgh datat 28 ta’ Marzu, 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona maghmul mill-familja Apap Bologna lil Carmelo Alberto Spiteri. B’dan il-kuntratt Carmelo Spiteri akkwista korp ta’ bini iz-Zejtun konsistenti f’kamra numru disgha u sittin, u *store* numru sebghin Saint John Street soggetti flimkien bil-giardinetta annessa maghhom ghal tlieta u tmenin centezmu u tliet millezmi cens fis-sena w in perpetwu pagabbli lil Joseph Spiteri li joqghod numru sebgha u hamsin, (57), Luqa Briffa Street, Zejtun u hanut numru mitejn u erbatax, (214), hanut iehor konsistenti f’kamra numru mitejn u hmistax (215) u dar bi Knisja u gnien annessa maghha numru mitejn u sittax, (216), Our Lady of Mercy Street, kollox *tale quale* bid-drittijiet u obbligi u pertinenzi taghhom kollha.

Illi id-Dok. ‘B’ a fol. 11 tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP) huwa testment datat 11 ta’ April, 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone fejn it-testatur Carmelo Spiteri halla b’titolu ta’ legat lit-Terz Ordni Frangiskan (kif qed jissejjah illum Ordni Frangiskan Sekular) taht l-Ubbidjenza tal-Patrijiet Frangiskani Minuri *in piena* proprieta` l-Knisja tal-Madonna tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena fiz-Zejtun … bl-affarijiet mobbli kollha li hemm fiha. L-eredi universali proprjeta`rji assoluti ta’ Carmelo Spiteri huma hutu Lorenza, Giuseppi u Marianna fi kwoti ndaqs bejniethom bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

Illi d-Dok. ‘C’ a fol. 13 tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP) huwa testment datat 21 ta’ April, 1972 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi fejn it-testatur Giuseppe Spiteri nnomina w istitwixxa bhala eredi universali proprjeta`rji u padruni ta’ gidu kollu lil hutu li jkunu ghadhom hajjin u jkunu

ghadhom xebbiet jew guvintur fil-gurnata tal-mewt tieghu minn dawn hawn taht imsemmija u cioe`: Carmelo (haddiem mal-Gvern), Carmelo (mastrudaxxa), Lorenza, Maria Anna, Rita w Antonia.

Illi d-Dok 'D1' sa Dok. 'D6' (Cit. Nru. 394/94RCP) huma lista ta' oggetti li kienu jinsabu fil-Knisja tas-Sinjura.

Illi a fol. 22 tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP) hemm esebita Nota ta' Patri George Aquilina f'isem u ghan-nom tat-Terz Ordni Frangiskan (kif qed jissejjah illum Ordni Frangiskan Sekular) taht l-Ubbidjenza tal-Patrijiet Frangiskani Minuri kif debitament awtorizzat. Permezz ta' din in-nota l-istess Patri George Aquilina fil-kwalita` tieghu premessa rrinunzja ghall-istess legat izda rriserva d-dritt li jekk kemm-il darba l-Awtoritajiet Ekklezjastici jemmnu li din il-Knisja ghandha tinghata lil xi hadd, hu jkun lest li jaccetta l-istess legat.

Illi Dok. 'MS 1' a fol. 34 *et seq.* tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP) hija denunzja tal-proprjeta` taxxabbli ta' Carmelo Spiteri.

Illi a fol. 80 tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP) hemm esebita nota tal-kontendenti fil-kawza fl-ismijiet **'Carmelo Alberto Spiteri vs Joseph Deguara'** li kienet pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u li permezz taghha l-atturi rrinunzjaw ghall-effetti tas-sentenza moghtija fil-Prim' Istanza f'din il-kawza filwaqt li l-konvenut ceda l-atti ta' l-appell, u dan stante transazzjoni fil-mori u stante illi l-oggetti mobbli gew konsenjati lil legatarji ta' Carmelo Alberto Spiteri.

**<u>III. PROVI.</u>**

Illi xehed **Patri George Aquilina** li qal illi r-rinunzja li huwa kien ghamel fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kienet wahda *'totali ghall-legat shih jigifieri komprendenti anki l-beni immobbiljari u mobbiljari'.* Jghid ukoll illi t-terz ordni ma tax l-affarijiet elenkati fid-Dok. 'D1' sa 'D6' lill-atturi odjerni. Jghid pero` illi dawn l-affarijiet hallihom f'idejn Dr. Paul Mallia l-avukat ta' fiducja taghhom. Fl-affidavit tieghu

mbaghad dan ix-xhud jghid illi Joseph Deguara qatt ma ta l-oggetti elenkati fid-Dok. 'D' lit-Terz Ordni Frangiskana. Isostni pero` illi huwa kien ikkunsenja lill-Assessur tal-Kurja Arciveskovili (Dr. Mallia) dak kollu *'li kien fil-pussess taghna u cioe` somma flus ta' Lm1,002.88,4, affarijiet tal-metal isfar inventarjati fil-lista ta' J. Azzopardi Jewellery ta' 164, Triq Santa Lucija, Valletta. Oltre l-oggetti ndikati fil-lista kien hemm salib zghir b'labra u curkett irqiq hafna b'fossa ta' kulur roza ; kif ukoll karti rapprezentanti dokumenti relattivi ghall-Kappella tas-Sinjura. Il-muftieh u cwievet tal-Kappella gew moghtija lill-atturi'.*

Illi xehdet **Marianna Spiteri** permezz ta' affidavit li jinsab esebit a fol. 53 *et seq.* tal-process (Cit. Nru. 394/94RCP). Fil-process odjern hemm ukoll esebit affidavit ta' l-istess attrici u dan a fol. 75 fejn bazikament tghid l-istess haga. Hija tghid illi hija u ohtha Lorenza Spiteri huma l-werrieta ta' Carmelo Spiteri u dan skond testment datat 11 ta' April, 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone. Flimkien maghhom kien hemm werriet iehor u cioe` huhom Joseph Spiteri izda dan halliehom werrieta tieghu u dan skond testment datat 21 ta' April, 1972. Tghid ukoll illi huha Carmelo Spiteri kellu dar u gnien maghrufa bhala 'Tas-Sinjura' fi Triq il-Madonna tal-Hniena goz-Zejtun, liema dar kellha kappella maghha, liema proprjeta` kienet giet akkwistata permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Marzu, 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona. Tghid ukoll illi skond sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Lulju, 1984 fil-kawza fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** (Cit. Nru. 814/77 JF) il-Qorti kienet laqghet it-talba ta' l-attur sabiex jigu ritornati lilu l-oggetti kollha elenkati fid-dokument immarkat bhala Dok. 'D1' sa 'D6' mac-citazzjoni odjerna.

Illi hija tghid li meta t-Terz Ordni Frangiskan irrinunzjaw ghall-legat imholli lilhom minn Carmelo Spiteri dan irriverta lilha u lill-ohta, atturi f'din il-kawza.

Illi finalment tixhed li l-oggetti elenkati fid-dokument 'D1' sa 'D6' ghadhom ma gewx ritornati u li dawn jinsabu fil-pussess tat-Terz Ordni Frangiskan.

Illi **Vincent E. Ciliberti**, xehed permezz tal-affidavit li jinsab a fol. 70 tal-process u qal illi *'hadd ma jmeri li b'kuntratt tat-28 ta' Marzu, 1977 in atti Nutar Alexander Sceberras Trigona n-Nobbli Alexander Apap Bologna ghamel trasferiment lil Carmelo Spiteri (awtur tal-konvenuta) tal-fond 216, Our Lady of Mercy Street, Zejtun li mieghu hemm anness gnien u kappella. PERO' dan it-trasferiment, inkwantu jista' jolqot il-Kappella (li hi l-meritu tal-kawza), hu null billi l-venditur* <u>*ma kellux*</u> *il-proprjeta` tal-Kappella u kwindi ma setax jittrasferiha ghax ghal hadd m'hu lecitu jittrasferixxi dak li ma jkollux'*.

Illi l-istess xhud jallega u jargumenta wkoll li n-Nobbli Apap Bologna kellu biss fuq il-Kappella <u>*dritt ta' Guspatronat Lajkali*</u> bhala pussessur tal-fond numru 21 liema dritt kien gie kkrejat b'testment tal-Barunessa Margherita dei Conti Manduca tas-27 ta' Frar, 1882 in atti Nutar Ottone Dedomenico w accettat b'Digriet formali ta' l-Ordinarju tas-7 ta' Frar 1882: il-Kappella kienet u baqghet <u>proprjeta` ekklesjastika</u>'.

Illi finalment jghid illi '*il-kappella kienet u naturalment ghadha 'res sacra' ta' proprjeta` tal-Knisja suggetta biss ghad-dritt ta' Guspatronat Lajkali li jidgawda minn min ikollu l-proprjeta` tal-fond 216, Our Lady of Mercy Street, Zejtun'.*

Illi xehed il-**kjamat in kawza** li qal illi huwa kien ittransiga kawza li kienet pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **'Carmelo Alberto Spiteri vs Joseph Deguara'** fis-26 ta' Gunju, 1991 u f'dik it-transazzjoni huwa kien obbliga ruhu li jikkonsenja l-oggetti in kwistjoni lit-Terz Ordni Frangiskana. Jghid illi huwa kien ikkonsenja xi oggetti minnhom pero' ghad fadallu xi affarijiet li jinsabu elenkati a fol. 72 tal-process.

Illi xehed il-**Vigarju Generali, llum l-Eccellenza Tieghu Reverendissima Monsinjur Isqof Awziljarju Annetto Depasquale**, li fl-affidavit tieghu jghid li l-atturi ma humiex korretti fl-assunzjoni taghhom illi huma proprjeta`rji tal-Knisja dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta' Gesu, fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. Jghid illi din il-

Knisja, bit-testment tan-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca, saret proprjeta` ekklezjastika, Knisja ta' guspatronat lajkali, enti kanoniku guridiku bid-dritt li jippossjedi. Jghid illi l-Knisja ta' guspatronat lajkali eretta minn Nobildonna Margherita dei Conti Manduca hija oggett sagru. Jghid ukoll illi jidher car illi *"l-eredi tal-fondatrici ma kellhomx id-dominju jew proprjeta` tal-Knisja msemmija f'dan il-kuntratt, li hi l-istess Knisja eretta minn Nobildonna Margherita dei Conti Manduca, izda biss il-guspatronat fuqha. Ghalhekk, l-eredi ma setghux jghaddu lil haddiehor dritt ta' proprjeta` fuq il-Knisja 'annessa' mal-fond f'Our Lady of Mercy Street, Zejtun, izda biss, mal-proprjeta` tal-fond, id-dritt ta' guspatronat fuq il-Knisja li huma kienu jgawdu bhala possessuri ta' l-istess fond'.*

Illi 'n kontro-ezami **l-Eccellenza Tieghu Reverendissima Monsinjur Monsinjur Isqof Awziljarju Depasquale** jghid illi *'kulmin huwa l-pussessur tad-dar li hemm hdejn il-kappella ghandu d-dritt tal-'jus patronat' fuq din il-kappella'*. Jghid ukoll illi meta kien jitkellem mal-persuni legali tal-atturi, qatt hadd ma qallu li *'kienu qeghdin jikkontestaw id-dritt tal-proprjeta` tal-Knisja fuq din il-kappella'*.

## <u>IV. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI.</u>

Illi din il-kawza hija miexja flimkien mal-kawza fl-ismijiet **'Marianna Spiteri et vs Patri Raymond Camilleri noe et'** (Cit. Nru. 394/94RCP) li qeghda ghas-sentenza ghall-lum stess.

Illi l-azzjoni li qed jaghmel l-attur hija *"l-actio reivendicatoria"* fejn qed isostni li huwa proprjetarju tal-Knisja jew Kappella maghrufa bhala 'Tas Sinjura', dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu' Zejtun.

Illi skond ***Andrea Torrente*** fil-ktieb **'Trattato Di Diritto Civile'** jinghad li:-

*"La revendicazione (art.948 cod.civ.) e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si affarma proprietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene".*

*"L'attore, in conformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio`, se l acquisto non e' a titolo originario, ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare ghall'infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di 'probatio diabolica ')".*

*"La posizione del convenuto riguardo alla prova e' molto piu' comoda di quella dell'attore ("commodum possessionis"): egli puo' limitarsi a dire 'possideo quia possidea' ed attendere che l-attore provi il suo diritto".*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **"Alosia Fenech u ohrajn vs. Francesco Debono u iehor"** (P.A. (W.H.) 14 ta' Mejju 1935 – XXIX.ii.488) inghad li:-

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Abela vs Gauci" maqtugha fl-1 ta' Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement minn natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta` mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vo.VI.160): 'e dunque il suo diritto di proprieta' che il rivendicante deve provare. Finche' non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo' sebare il silenzio, e vincere' la lite per cio' solo che il rivendicante non avra' provato di essere proprietario. Cio' e' universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995, - LXXIX.iii.1257) fejn gie affermat li:-

*"L-azzjoni tentata mil-attur hi dik rivendikatorja. L-eccezzjoni decennali moghtija mill-konvenut tittanta toqtol dik l-azzjoni indipendentement mill-validita' tat-titolu li jippretendi li ghandu l-attur u dan qabel ma ssir investigazzjoni fil-fond ta' tali titolu. Japplikaw dawn il-konsiderazzjonijiet ta' ligi:*

*"Min jitlob ir-revendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta` tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza".*

*"Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-pussessur".*

Illi l-istess gie kkonfermat fis-sentenza **"Clive Simpson *nomine vs* Dr. Gaudenz Borg"** (A.C. (GMB) 6 ta' Lulju 1993 – LXXXVII.ii.310) fejn inghad li:-

*"Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur ghandu jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga rivendikata u mhux bizzejjed li jipprova li l-istess haga mhux tal-konvenut ghaliex il-ligi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tieghu innifsu. Ghandu ghalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konkluziva".* **("Av.Dr. Rene' Frendo Randon noe vs Francis Camilleri et nomine"** - A.C. (H.H.) 2 ta' Dicembru 1987. LXXI.ii.531; **"Alfred Copperstone vs Francesco Grech et"** – P.A. (J.C.C.) 14 ta' Dicembru 1951 ).

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Cassar vs Trevisan"** (A.C. 4 ta' Dicembru 1879) fejn jinghad li:-

*"L-attrice, appogiando la sua odierna azione al diritto di proprieta'. Era nell'obbligo, gusta la nottissima regola che l'attore deve provare I fatti necessarii per stabilire la sua domanda, di dimostrare che la detta persona n'era veramente proprietaria".*

Illi l-estremi tal-azzjoni rivendikatorja huma ghalhekk li:-

(1) li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li akkwista dak id-dominju legittimament; u

(2) li l-konvenut ikun qed jippossjedi dik il-haga.

Illi dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun pjena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta jekk ir-rivendikant juri titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikant ma jaghmilx din il-prova, l-konvenut ma ghandux bzonn li jipprova xejn ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, l-possessur tal-haga m'ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi huwa tenut li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant.

Illi konsistenti ma dan ***Walter Bigiavi*** jghid fil-ktieb **'Gurisprudenza Sistematica Civile e Commerciale'** (pg. 865) li:-

*"La prova della proprieta' si e' detto, dev'essere completa perche' l attore rivendicando, pone in essere il suo diritto di proprieta' e quindi il giudice, ha il dovere di pretendere la prova piena, non essendo sufficiente che l'attore dimostri di avere un titolu piu' forte di quello del convenuto"* (*vide* XXIX.ii.488 ; XXXV.ii.518 ; **"Abela vs Gauci"** – Vol. VIII.367).

Illi ghalhekk kif intqal fis-sentenza **'Anthony Mercieca vs Victor Buhagiar'** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) li *'abbazi ta din il-gurisprudenza konsistenti u konstanti jirrizulta li ghal fini ta' din il-kawza l-attur jrid u ghandu l-oneru tal-prova kollha fuqu, li biha jrid jikkonvinci li ghandu dritt ta' proprjeta` fuq il-bicca art mertu tal-kawza odjerna, u dan stante li l-konvenut qed jistrieh ukoll fuq il-pussess li huwa ghandu 'animo domini'.* **("Sac. Don Giovanni Agius nomine vs Paolo Genovese et"** - A.C. 21 ta' Jannar 1946) ; (**"Paul Camilleri et vs Joseph Camilleri"** (P.A. (RCP) 4 ta' Ottubru 2001) ; **"Giuseppi Vella vs Peter Sciberras"** (P.A. (RCP) 28 ta' Novembru 2002).

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi"** (A.C. (JSP. CAA. N.A) 27 ta' Marzu 1996 – LXXX.ii.605) inghad ukoll li:-

*"L-azzjoni esperita mill-attur nomine hi azzjoni 'rei vendicatoria', li hi azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` ta' l-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Huwa ghalhekk li din l-azzjoni jehtieg li tigi istitwita kontra dak li attwalment ikun jipposjedi l-haga".* (*vide* **"Paul Agius et vs Michael Scicluna"** - P.A. l-1 ta' Ottubru 1996).

Illi huma fuq dawn il-principji li ghandha tigi deciza l-azzjoni odjerna u jidher li l-attur qed jibbaza s-sottomissjonijiet u l-pretensjonijiet tieghu wkoll fuq l-**artikolu 1742 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** fejn jinghad li:-

*"Bla hsara ta' kull ligi ohra specjali f'Malta, il-benefizzji ekklesjastici, jew il-kappellaniji ekklesjastici perpetwi, jew il-patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali perpetwi ghandhom, sew ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ezercizzju, it-tgawdija, it-tmiem jew it-telf tal-guspatrunat, attiv jew passiv, kif ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwalifiki u l-kondizzjonijiet mehtiega sabiex jistghu jikkostitwixxu titolu ta' ordinazzjoni jew sabiex jista' jsir uzu minnhom ghaldaqshekk, huma regolati mill-ligi kanonika li issa jew minn zmien ghal zmien tkun issehh f'Malta".*

*"Izda, xejn f'dan l-artikolu ma jista' jkun ta' hsara ghal ebda jedd li jmiss lill-Gvern u li hu mill-Gvern ezercitat dwar benefizzji, kappellaniji, patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali".*

Illi dan l-artikolu tal-ligi huwa car bizzejjed biex wiehed jifhem li persuni *ossia* nies lajci jistghu jkollhom drittijiet ta' proprjeta` fuq knejjes jew kappelli. Il-ligi f'dan l-artikolu ma teskludix dan l-ipotesi bl-ebda mod. Apparti dan ma jidhirx li t-titoli ta' immobbli fuq il-proprjeta` huma b'xi mod varjati minn dak li tipprovdi l-ligi nostrali, wkoll il-**Kodici Civili,** u dan apparti li l-istess artikolu jinsab inserit taht id-

disposizzjonijiet ta' **"Fuq Donazzjoni" tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi la darba l-attur qed jibbaza *inter alia* t-titolu tieghu fuq t-testment tal-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca fl-atti tan-Nutar Ottone De Domenico datat 27 ta' Frar, 1882, l-Qorti thoss li huwa ghalhekk bazilari ghas-soluzjoni ta' din il-pendenza sabiex jigi mistharreg jekk bit-testment tan-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca fl-atti tan-Nutar Ottone De Domenico datat 27 ta' Frar, 1882 l-Knisja li hemm sitwata f'Our Lady of Mercy Street, ghaddietx b'titolu ta' proprjeta` lil Kurja jew jekk dan id-dritt ta' proprjeta` baqghax ghand il-werrieta tan-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca.

Illi dan huwa mportanti wkoll l'ghaliex ma hemm l-ebda dubju li sussegwentement is-successuri tal-istess testatrici fiz-zmien, il-familja Apap Bologna, b'att pubbliku datat 28 ta' Marzu, 1977 ttrasferew l-istess proprjeta` mmobbli lil Carmelo Spiteri.

Illi dan imsemmi fl-ahhar paragrafu qed issir ukoll fl-isfond ta' dak li gie ritenut fis-sentenza **"Giuseppi Abela vs John Zammit"** (P.A. 16 ta' Mejju 1962) fejn gie riaffermat li:-

*"Rekwiziti ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-haga akkwistata legittimament u li l-konvenut ikun qed jippossediha".*

*"Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteggjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jecceppixxi li hu ghandu titolu fuq il-haga rivendikata aktar mill-attur, il-piz tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilhaqx din il-prova jissokombi fl-eccezzjoni tieghu; jekk ghall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruhu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tieghu u huwa anke jekk ma jippruvax it-titolu tal-pussesss, izda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, ghandu jissuccedi fl-eccezzjoni tieghu".*

Illi jirrizulta li n-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca fit-testment taghha tghid is-segwenti:-

"*commette ai futuri possessori dell' immobile, posto nel Zeitun in Strada Madonna della Pieta, numero cento venti due ai quali ella intende pure lasciare come lascia il diritto di giuspadronato della detta attigua Chiesa di Nosta Signora del Sacro Cuore di Gesu' la custodia e manutenzione e cura della stessa Chiesa …*".

Illi dan ifisser, anke mill-kliem semplici wzat fl-istess testment, li kemm l-pussess u l-guspatronat thalla lill-werrieta universali tat-testatrici ndikati fl-istess imsemmi testment tas-27 ta' Frar, 1882 u l-attur *nomine* ma akkwista l-ebda titolu in forza ta' dan it-testment.

Illi ma huwiex kontestat illi f'din il-Knisja kienet tigi u jista' jkun li ghadha tigi celebrata l-quddiesa bis-sagramenti, pero` dan il-fatt ma jimportax u lanqas iwassal ghall-konkluzjoni illi l-pussess bhala *dominus* ma jistax jigi ezercitat minn terzi persuni bhal ma qieghed jigi allegat fl-affidavit tal-Eccelenza Tieghu l-Isqof Awziljarju Monsinjur Annetto Depasquale. Anzi jidher car li l-pussess bhala *dominus* dejjem kien ezercitat mill-awturi tal-konvenuti, li kienu rikonoxxuti bhala tali mill-persuni kollha li kienu jservu u jiehdu hsieb l-istess kappella.

Illi hekk jirrizulta mix-xhieda ta' **Alexander Apap Bologna** moghtija fis-seduta tal-14 ta' Frar 1978 fil-kawza li l-process taghha jinsab anness ma' dan il-process fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** meta a fol. 24 tal-istess process sostna:-

*'Jiena, fost il-proprjeta` tal-familja tieghi, kelli il-proprjeta` tad-dar bil-gnien u Knisja, u adjacenzi ohrajn li kienu jaghmlu mal-istess fond'.*

*'Nghid li meta jiena beghet il-proprjeta` tal-Knisja, li din kienet armata b'kollox, u it-trasferiment* (lil Carmelo Spiteri) *jiena ghamiltu b'kollox'.*

Illi fl-istess atti processwali appena riferiti hemm ix-xhieda wkoll ta’ **Dun Guzepp Scerri** moghtija minnu fl-istess data fejn dan sostna:-

*‘Jiena fil-Knisja ma kont nikkmanda xejn u kont imur biss biex inqaddes, inqarar, u niehu hsieb il-funzjonijiet religjuzi. Il-Knisja kienet tal-familja Apap Bologna. Jiena ili nattendi din il-Knisja, ghall-iskopijiet kif ghidt, ghall-erbatax (14), hmistax (15) il-sena’.*

Illi x-xhieda ta’ **Anthony Galea** bhala *Housing Officer fil-Housing Department* moghtija minnu fit-12 ta’ Novembru 1982 jghid:-

*‘Jiena Housing Officer fil-Housing Department. Jirrizultali mir-records tal-ufficcju illi fis-17 ta’ Dicembru 1964 kienet harget ‘Requistion Order’ fuq il-fond li allura kellu in-numru 195/196 Our Lady of Mercy Street, Zejtun. Jirrizulta li ma dan il-fond kien hemm annessa kappella. Allura s-sid kien il-Markesin Apap Bologna u l-amministratur tal-post kien ir-Rev. Apap Bologna’.*

Illi b’sentenza ta’ din il-Qorti datata 20 ta’ Lulju 1984, limitata ghall-oggetti li kienu jinsabu fl-istess kappella, meta l-awtur tal-konvenuti istitwixxa kawza kontra l-kjamat fil-kawza odjern Joseph Deguara sabiex jigu ritornati l-istess oggetti lill-awtur tal-konvenuti, fl-istess kawza fl-ismijiet **‘Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara’,** l-istess Qorti wara li rreferiet ghall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona datat 28 ta’ Marzu 1977, u fuq citat, u stabbiliet it-titolu tal-attur f’dik il-kawza, (u tal-awtur tal-konvenuti f’din il-kawza) u wara li citat il-bran tax-xhieda, hawn ukoll fuq citat ta’ **Alexander Apap Bologna,** kienet qalet li:-

*‘Ma hemmx dubju ghalhekk dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici. Wiehed jista’ jisimpatizza xi ftit mal-konvenut, izda minn punto di vista legali huwa ma ghandu ebda dritt li jimpedixxi lill-attur milli jiehu dak illi sar tieghu’.*

Illi f’dan ir-rigward hemm ix-xhieda ta’ **Dr. Paul Mallia** moghtija minnu fl-istess kawza fil-kors tal-appell tal-

process anness ma din il-kawza, u dan fl-20 ta' Novembru 1989 moghti fil-kuntest tat-tahrika tax-xhieda li kienet saret sabiex dak iz-zmien **Monsinjur Annetto Depasquale jew rappresentant tieghu** jixhed dwar *'l-amministrazzjoni tal-Knisja 'Del Sacro Cuore' di Gesu' … ... u dwar il-hatra ta' ekonomu fl-atti tal-istess testment'* u l-istess xhud qal:-

*'Ghandi nghid rigward il-mistoqsijiet li saru fl-ingunzjoni tax-xhieda illi qatt ma kien hemm talba ghall-erezzjoni kanonika in kwistjoni u kwindi ma kienx hemm ekonomu mill-Isqof sallum. Jekk ikun hemm talba ghan-nomina, dina tigi mistharga fid-dawl tal-kodici kanoniku, izda jizdied ukoll li jekk issir insistenza ghad-dritt ta' nomina, dina giet abolita fil-kodici kanoniku gdid'.*

*'Rigward id-domanda jekk il-kuntratt tat-28 ta' Frar 1977 kienx hemm elementi ta' simonija, ghandi nghid li Monsinjur Arcisqof qieghed jezamina dawn l-elementi u s-s'issa fuq l-elementi li jinsabu quddiemu huwa wasal ghall-konkluzjoni li l-bejgh jifforma parti minn bejgh ta' affarijiet akbar, jigifieri il-Knisja giet akkwistata bhala parti minn fond akbar u ghalhekk ma jidhirx li hemm xi akkwist ta' oggett jew realta' sagra b'termini ta' Canone 727 tal-Kodici l-antik vigenti fid-data tal-kuntratt'.*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-punt u waslet ghall-konkluzjoni illi meta n-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca istitwiet il-fondazzjoni fl-isemmi testment, id-dritt *qua dominus* irriservatu lill-eredi taghha bla ebda rizerva kwalunkwe hlief ghal dak fuq citat, mentri l-guspatronat irriservatu ghall-persuni li jkunu qeghdin jirrisjedu fil-fond antigwu ghall-Knisja in kwistjoni. Maz-zmien, u dan anke skond ix-xewqat tan-Nobildonna Margerita dei Conti Manduca, bdiet tigi celebrata l-quddies bis-sagramenti.

Illi fil-fatt mid-dokumenti kollha relattivi u mix-xhieda hawn fuq propsota jidher car li l-proprjeta` tal-istess Knisja jew kappella kienet dejjem f'idejn l-eredi tat-testatrici, u dan inkluz il-provedimenti dwar il-guspatronat, u kontrarjament ghal dak li jinghad fil-Memorandum ta' dak iz-zmien **Mons. Annetto Depasquale** esebit a fol. 202 tal-process

anness ma din il-kawza, (li jidher li ma jaqbilx ma’ dak li sostna Dr. Paul Mallia fix-xhieda fuq citata), l-istess kappella u dak kollu li kien hemm fiha baqa’ proprjeta` tal-istess eredi tat-testatrici, u anke wara dak iz-zmien kollu w in partikolari sad-data tax-xhieda tal-avukat Dr. Paul Mallia, l-istess kappella qatt ma kienet fil-pussess tal-istess atturi; is-sitwazzjoni baqghet l-istess sallum, bid-differenza li f’dak iz-zmien l-attur *nomine* lanqas biss qatt vanta xi dritt fuq l-istess kappella, kif jidher *invece* li qed jaghmel illum b’din il-kawza.

Illi dan kollu jinsab konfermat bl-imsemmija proceduri odjerni, u f’dan l-isfond id-digriet kanoniku tas-7 ta’ Frar 1882 ma biddel xejn minn tali titolu ta’ proprjeta` u in verita` lanqas setgha *stante* li tali kappella qatt ma kienet proprjeta` tal-istess entitajiet ekklesjastici, izda kienet biss tat-testatrici, tant li hija ddisponiet minnha permezz tal-imsemmi testment tas-27 ta’ Frar 1882, u hija ghaddiet bl-istess testment din il-proprjeta` lis-successuri fit-titolu taghha, li qatt ma kien l-attur *nomine*, u li ‘n verita’ lanqas pussess tal-istess immobbli qatt ma akkwista lanqas fiz-zmien.

Illi ghalhekk bl-ebda mod mid-dokumenti prodotti ma jirrizulta b’xi mod li l-attur *nomine* qatt kellu t-titolu ta’ proprjeta` fuq l-istess kappella, u l-unika titolu ta’ proprjeta` li jezisti huwa fil-fatt tal-awtur tal-konvenuti, li akkwista tali proprjeta` permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona datat 28 ta’ Marzu 1977 minghand is-successuri fit-titolu tal-istess testatrici li t-testment taghha gie fuq ezaminat.

Illi l-istess Carmelo Spiteri miet fis-6 ta’ April 1991 u s-successjoni tieghu ddevolviet favur il-konvenuti u huhom Joseph permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, filwaqt li l-istess Joseph Spiteri miet fis-6 ta’ Jannar 1994 u s-successjoni tieghu ddevolviet favur il-konvenuta permezz ta’ testment datat 21 ta’ April 1972 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi, kollha esebiti fil-kawza l-ohra fl-ismijiet **"Marianna Spiteri et vs Patri Raymond Camilleri"** (Citaz. Numru 394/94) li wkoll qed tigi deciza llum.

Illi għalhekk jirrizulta li filwaqt li l-attur ma ppruvax it-titolu tiegħu, il-konvenuti mhux biss opponew it-talba attriċi izda wkoll ippruvaw it-titolu minnhom pretizz u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex triq oħra ħlief li tiċħad it-talba attriċi kif proposta.

## V. KONKLUZJONI.

Illi għal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeċiedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, **tiċħad it-talba attriċi** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur fil-kwalita' tiegħu premessa.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------